**9 ta' Diċembru, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Philip Ciantar

**Ġudikat — Art. 521 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-liġi trid illi, sabiex ikun hemm l-ostakolu tal-ġudikat għall-prosegwiment ta' azzjoni kriminali, jeħtieġ li jkun hemm l-istess fatt.*

*Għalkemm hu veru li bil-kelma "fatt" il-liġi tintendi mhux biss il-fatt sempliċement storiku jew naturali, imma anki ġuridiku, b'mod illi, jekk il-fatt naturali jagħti lok għal diversi imputazzjonijiet, id-deduzzjoni ta' titolu ta' reat wieħed hija ta' ostakolu għad-deduzzjoni ta' titolu ta' reat ieħor fuq l-istess fatt, hu ugwalment veru, però, li, jekk il-fatt naturali hu divers, allura ma jistgħax ikun hemm lok għall-"non bis in idem".*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni kontra Philip Ciantar, miġjuba quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fuq talba tal-Kollettur tad-Dwana, talli f'Ħaż-Żebbuġ, f'dawn l-aħħar xhur, kellu fil-pussess tiegħu flixkun brandy

il-flixkun whisky maħdumin minnu, u waħħal tikketta fuq l-imsemmija fliexken li turi qawwa mhux korretta, bi ksur tar-Regolamenti tax-Xorb tal-1949; u barra minn dan, huwa sar reċidiv, billi kien ġa kundannat £20 multa għal reat simili fit-18 ta' Marzu 1960;

Rat l-ittra tal-Kollettur tad-Dwana — Dok. E. u d-dokumenti l-oħra eżibiti;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-27 ta' Lulju 1961, li biha ddeċidiet billi sabet lill-imputat ħati skond l-imputazzjoni għar-rigward tal-flixkun whisky eżibit biss, u mhux għar-rigward tal-flixkun brandy; u wara li qalet li ma kienx il-każ li l-Qorti tapplika l-awment tal-piena għar-reċidiva stante ċ-ċirkustanzi tal-każ, ikkundannat lill-imputat £20 multa;

Rat ir-rikors fol. 16, li bih l-imputat appella u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

"Ex concessis" (ara verbal fol. 22) l-imputat jammetti li mill-kawża l-oħra l-hawn, li bis-saħħa tas-sentenza fuqha mogħtija l-imputat qiegħed jinvoka l-forza dirimenti tal-ġudikat, hu waħħal tikketta ġdida fuq il-flixkun tal-whisky li ma tindikax sewwa l-qawwa tax-xorb kontenut f'dak il-flixkun;

Issa, il-liġi trid li, sabiex ikun hemm l-ostakolu tal-ġudikat, jeħtieġ li jkun hemm l-istess fatt (ara art. 521 Kap. 12 Ediz. Riv.);

Issa, għalkemm hu veru li bil-kelma "fatt" il-liġi tintendi mhux biss il-fatt sempliċement storiku jew naturali, imma anki ġuridiku (Kollez. Vol. XIX-IV-1), b'mod illi jekk il-fatt naturali jagħti lok għal diversi mputazzjonijiet, id-deduzzjoni ta' titolu ta' reat wieħed hija ta' ostakolu għad-deduzzjoni ta' titolu ta' reat ieħor fuq l-istess fatt, hu

ugwalment veru, però, li, jekk il-fatt naturali hu divers, allura ma jistgħax ikun hemm lok għal "non bis in idem";

F'dan il-każ, il-fatt naturali kien divers, għax kien hemm il-"factus novus interveniens" tat-twaħħil ta' tik-ketta ġdida;

Għalhekk l-appell mhux sostnut u jiġi miċħud, u s-sentenza appellata konfermata. Żmien għall-ħlas erbgħa tijiem mil-lum.